MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 66/2013

**Joseph Borg u Angolina Borg**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess:

1. Illi hu l-attur Joseph Borg u zewg l-attrici Angolina Borg, cioe' il-mejjet Gio Maria Borg, twieled fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) fil-Qala, Ghawdex, liema twelid huwa mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex fl-Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati, bin-numru seba' mija u

disgha u erbghin (749) tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (1933)(DokA);

2. Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid tal-mejjet Gio Maria Borg huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", il-kunjom ta' l-omm fi xbubitha huwa ndikat bhala "Perotta", meta fil-fatt, dan kellu jkun indikat bhala "Camilleri";

3. Illi l-atturi jixtiequ li kunjom l-omm, Carmela Borg, xebba jigi kkorregut b'mod illi jaqbel ma' dak li korrettament jidher fuq id-diversi atti u dokumenti ohra u ghaldaqstant kull fejn jinkorri l-kunjom"Perotta" ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Camilleri".

4. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attur Joseph Borg (46042) ta' 6, Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Talbu li din l-Onroabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru seba' mija u disgha u erbghin (749) tas-sena elf disa' mija u tleita u tletin (1933) relattiv ghat-twelid tal-mejjet Gio Maria Borg huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet ta' l-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-kunjom "Perota" ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Camilleri".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn iddikjara:

1. Illi huwa mhux qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti peress illi minn verifiki illi ghamel jirrizulta illi hemm zball fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom tal-Missier u Jekk hux haj jew mejjet" ta' l-omm tat-tarbija u ghalhekk hija din il-kolonna illi trid tigi korretta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li t-talba tar-rikorrenti hija skorretta fis-sens illi ma tezisti ebda kolonna ntestata “Isem u kunjom u post tat-twelid ta’l-omm” u ma’ genb isem l-omm ma hemm indikat ebda kunjom.

3. Illi f’kull kaz l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ l-istanti, peress illi l-izball in kwestjoni mhuwiex attribbwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir da parti tal-esponenti. Barra minn dan, skont il-ligi r-rikorrenti setghu pprezentaw it-talba taghhom quddiem il-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Notarili u b’hekk jiffrankaw fuq l-ispejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti u dokumenti prezentati t-talbiet attrici gew pjenament ippruvati. L-istess direttur konvenut lanqas mhu qieghed joggezzjona la ghal din il-korrezzjoni u lanqas ghall-korrezzjonijiet l-ohra.

Jifdal issa x’jigi trattat il-kap tal-ispejjez. L-atturi sostnew li m’ghandhomx ibatu spejjez ghaliex dak li gara zgur li ma kienx minhabba fihom.

Tqis li ma giex ippruvat li dak li sehh kien zball li huwa mputabbli lill-konvenut b’xi mod u ghalhekk huma l-atturi li ghandhom ibatu l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod kif gej::

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru seba’ mija u disgha u erbghin (749) tas-sena elf disa’ mija u tleita u tletin (1933) relattiv ghat-twelid tal-mejjet Gio Maria Borg huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet ta’ l-att fuq imsemmi billi fil-kolonna intestata ‘Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet’ il-kunjom ‘Perotta’ ghandu jigi sostitwit bil-kunjom ‘Camilleri’.

Spejjez a karigu ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------